**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta D.I.E.R.**

**Illum: 19 ta' April, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**David Agius detentur tal-karta tal-identita` numru 243953(M); u**

**Nazzareno Cauchi detentur tal-karta tal-identita` numru 518543(M)**

Il-Qorti:

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati David Agius u Nazzareno Cauchi u ċjoè talli:

> Fil-kwalita' taghhom ta' diretturi u/jew segretarji ta' kumpanija u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta' kummercjali 'Marsalite Limited' (C338) b'indirizz registrat 'Jablo Buildings' Industrial Estate Marsa, Malta u/jew bhala l-persuni li kienu inkarigati mill-istess socjeta' kummercjali sabiex ihallsu l-pagi dovuti, naqsu li jhallsu l-pagi dovuti ghall-perijodu bejn id-19 ta' Dicembru, 2009, u l-21 ta' Jannar, 2010 ammontanti ghal €1,228.64, naqsu li jhallsu l-bonus statutorju ghall-perijodu bejn l-01 ta' Jannar, 2010 u l-21 ta' Jannar, 2010, ammontanti ghal €15.54, naqsu li jhallsu l-weekly allowance dovut ghall-perijodu bejn l-01 t'Ottubru, 2009 u l-21 ta' Jannar, 2010, ammontanti ghal €74.56, naqsu li jhallsu l-vacational leave ghall-perijodu bejn l-01 ta' Jannar, 2010, sal-21 ta' Jannar 2010, ammontanti ghal €71.40 u naqsu li jhalsu n-notice dovut ghall-perijodu bejn it-22 ta' Jannar, 2010 u s-16 t' April, 2010, ammontanti ghal €3,097.80 naqsu li b'kollox jammontaw ghal erbat elef, erbgha mija sebgha u

tmenin Ewro u erbgha u disghajn centezmu (€4,487.94) u li kienu dovuti lill-ex-impjegat tas-socjeta' kummercjali hawn fuq imsemmija, u cioe' lil Angelo Mercieca fil-21 ta' Jannar, 2010, meta l-impjieg tieghu gie terminat.

Ghaldaqstant il-Qorti kienet mitluba bir-rispett sabiex tordna lill-imputati ai termini tal-artikolu 45(1) tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-regolament 22 tal-Avviz Legali 247 tal-2003 kif emendat bl-Avviz Legali 427 tal-2007, sabiex ihallsu l-penali skond il-Ligi, u kif ukoll tordna lill-imputati, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, li jhallsu lil Angelo Mercieca l-ammont ta' hamest elef, tlett mija hamsa u ghoxrin Ewro u ghoxrin centezmu, (€4,487.94) ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati.

Rat li fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 2017, l-imputati rregistraw ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom limitatament ghal dak li jirrigwarda hlasijiet dovuti ghal pagi, bonus statutorji u weekly allowances.[1]

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu,[2] u cioe` wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom kif ntqal, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk riedu jergaw lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom kif inghad u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

Illi d-divergenza li nqalghet bejn l-Prosekuzzjoni u l-imputati kienet dwar in-*notice* (l-avviz) msemmi fl-artikolu 36 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn id-difiza tikkontendi li l-

---

[1] Vide verbal tat-13 ta' Marzu, 2017 fejn issir riferenza ghall-ammonti rispettivi hekk kif indikati fid-dokument mmarkat Dok. MS1.
[2] Kif rez applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodici Kriminali.

imputati tpoggew fl-impossibilita` li jaderixxu mal-obbligi imposti fuqhom bil-ligi u senjatament dak li jiddetta l-artikolu 36(9) tal- Att fejn kjarament il-ligi taghti ghazla lil-principal:

> (9) **Meta jirċievi avviż mingħand l-impjegat** kif intqal qabel, **<u>il-prinċipal ikun jista' jagħżel</u>** jew li jħalli lill-impjegat li jkompli jaħdem sakemm iż-żmien tal-avviż jagħlaq jew, f'kull żmien matul li jkun għaddej iż-żmien tal-avviż, iħallas lill-impjegat somma li tkun daqs il-paga li jkun imissha titħallas dwar iż-żmien tal-avviż li ma jkunx għalaq.

Jigi sottolinejat izda li ma ngabet ebda prova li xi **impjegat** ta avviz simili lil xi wiehed mill-imputati fil-kapacita` taghhom ta' sidien u principal/i tal-fabbrika imsemmija biex b'hekk jiskatta xi dritt ghall-ghazla li tirreferi ghaliha din id-disposizzjoni. Ghaldaqstant la qatt nibet u wisq anqas ittiehed xi dritt ta' ghazla li kienu intitolati jaghmlu l-imputati kif tikkontendi d-difiza. **L-ghazla li dan is-subartikolu jaghti lill-principal jiskata unikament kemm il-darba impjegat jaghti avviz (*notice*) li ser itemm l-impjieg.** Ghalhekk is-sottomissjoni tad-difiza hi nieqsa minn kull bazi legali u qed tigi respinta.

Lanqas ma jsib applikazzjoni s-subartikolu (8) tal-istess artikolu – fejn issa l-<u>ghazla tkun tispetta lill-impjegat</u> - peress li ma jirrizultax li l-impjegati rcevew xi avviz mill-principal/i kif deskritt f'dan is-subartikolu:

> (8) Meta <u>impjegat</u> taħt kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu <u>jirċievi avviż mill-prinċipal</u> kif jingħad hawn qabel, <u>huwa jista' jagħżel</u> jew li jissokta jaħdem sakemm jagħlaq iż-żmien tal-avviż jew, f'kull żmien li jkun waqt li għadu miexi ż-żmien tal-avviż, iġiegħel lill-prinċipal li jagħtih somma li tkun daqs in-nofs tal-pagi li kien ikollhom jitħallsu.

Kemm aktar ghalhekk kienu l-impjegati li ma gew privi mill-possibilita` li jaghmlu l-ghazla prevista b'dan is-subartikolu!

Ghal kull buon fini peress, li d-difiza ghamlet emfazi fuq l-impossibilita` li tpoggew fiha l-imputati, l-Qorti ma tistax ma tosservax li mill-provi jirrizulta li l-andament negattiv tal-kumpanija Marsalite Limited kien ilu maghruf mis-sidien izda dawn ghazlu jaghlqu ghajnejhom ghal proverbjali *"writing on the wall".* Fin-nota minn tieghu l-imputat Cauchi, sahansitra jiddeskrivi s-sitwazzjoni ekonomika tal-kumpanija bhala *"buraxxka finanzjarja",* b'dejn u *"F'qaghda finanzjarja kritika".*[3]

Fil-fatt fis-seduta tat-12 ta' Lulju, 2011 gie verbalizzat li *"L-Avukati difensuri tal-imputati nfurmaw lill-Qorti li r-rikavat mis-subbasta riferita fis-seduti precedent kien minimu u li ma kienx hemm fondi bizzejjed biex l-impjegati jithallsu l-ammont li jiffurmaw il-mertu fil-kawza odjerna.*" Kif wara kollox anke tikkoncedi d-difiza

---

[3] Fol.46-47

meta fit-trattazzjoni minn taghha, tghid li l-imputati baqaw jittamaw sal-ahhar li r-rota ddur u dan peress li kienu prospettati kuntratti godda.[4]

X'impossibilita`? Fic-cirkostanzi l-imputati seta' kellhom il-possibilita` li, per ezempju, jitolbu l-istralc tal-kumpanija Marsalite Limited, jew il-possibilita` li jibdew process ta' *redundancy*, anke jekk mhux wahda kollettiva. Ghalhekk min verament pogga lil min fl-impossibilita` li jipprevalixxu rwiehom mid-drittijiet li taghti l-ligi? Fejn hi din l-impossibilita` u dwar xhiex galadarba l-ligi ma taghti ebda ghazla lill-imputati ghaliex l-impjegat ma tahom ebda notice? Pjuttost jinghad li kienu l-impjegati, fosthom il-parte civile, li gew rinfaccjati bl-impossibilita` li jaghmlu l-ghazla li tinghata lill-impjegat ai termini tal-Artikolu 36(8) tal-Att.

Illi rinfaccjati bl-gheluq tal-fabbrika, l-imputati kellhom l-obbligu li jottemperaw rwiehom mas-subartikolu (10) tal-artikolu 36 tal-imsemmi Att:

> Jekk il-prinċipal jonqos li jagħti avviż kif imsemmi hawn qabel, huwa jkun suġġett li jħallas lil dak l-impjegat somma li tkun daqs il-paga li jkun imissha titħallas dwar iż-żmien tal-avviż.

Jinghad ukoll li ma kien hemm xejn li pprekluda lill-imputati milli jitolbu rizarciment u/jew kumpens jekk hassewhom aggravati bl-agir tal-awtoritajiet rilevanti (wara li nhareg ordni ta' zgumbrament mill-Prim Awla tal-Qorti Civili[5] fuq talba tal-Malta Industrial Parks).[6]

Certament l-izgumbrament ordnat mill-Prim Awla qatt ma seta' jissarraf fi pregudizzju ghall-impjegati tal-kumpanija Marsalite Ltd kif qed jippretendu l-imputati! Bil-kemm l-imputati ma jasslux jippretendu li l-impjegat, li habta u sabta safa bla xoghol, kellu jħallas lill-prinċipal somma li kienet daqs nofs il-paga li kien imissha titħallas dwar iż-żmien tal-avviż u cioe` hekk kif jipprospetta l-istess Artiklu 36(10) tal-Att, galadarba naqsu li jaghtu *n-notice* lill-principal/i!

Mhemmx dubbju li dan is-subartikolu, li ma jipprovdi ghal ebda eccezzjoni, ma jhalli ebda lok ghall-interpretazzjoni. Galadarba l-principal gie kostrett itemm l-impjieg tal-impjegat, kellu jassigura ruhu li dawk il-provvedimenti tal-ligi, intizi ghall-protezzjoni tal-impjegat, jigu osseravati; f'dan il-kaz tenut kont li ma kienx ghad fadal possibilita` li jhallu lill-impjegati jahdmu fil-fabbrika jew f'xi post t'impjieg alternattiv, kellhom ihallsu lill-impjegati dik il-paga f'ammont rapprezentattiv taz-żmien tal-avviż skond il-kaz.

---

[4] Seduta tat-13 ta' Marzu, 2017.
[5] Vide Rikors tal-Appell ta' David Agius tal-1 ta' Frar, 2013 (fol.65) u ta' Nazzareno Cauchi tal-4 ta' Frar, 2013 (fol.75-76).
[6] Vide Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Nazzarenu Cauchi tad-29 ta' Novembru, 2012, fol.47

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 5, 22, 23, 45, 46, u 47(2) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 8 u 22 tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Hin tax-Xoghol, Avviz Legali 247 tal-2003, ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom, izda bl-applikazzjoni tal-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hatja jhallsu lil Angelo Mercieca detentur tal-Karta tal-Identita` numru 146154M, l-ammont ta' hamest elef, tlett mija hamsa u ghoxrin Ewro u ghoxrin centezmu, (€4,487.94), u dan fi zmien erba snin bl-ewwel pagament issir dovut fl-ewwel ta' Gunju, 2017.

F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx hekk kif ordnat, ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk jikkommettu reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza jew jekk jonqsu milli jsegwu l-ordni moghtija llum.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**

**Magistrat**